ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/44

# Ġimgħatejn interruzzjoni tal-proċess tar-rikjesti f'Novembru

## Il-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT li ser titnieda f'Novembru ser ikollha titjiba maġġuri għar-reġistranti potenzjali li jippreżentaw rikjesta qabel ikunu jistgħu jirreġistraw. L-ECHA tixtieq tgħarraf lill-kumpaniji li – sabiex tkun tista' ssir din il-bidla fis-sistema – ġimgħatejn qabel din it-tnedija mhux ser ikun possibbli jsir ipproċessar ta' rikjesti.

**Ħelsinki, 25 ta' Settembru 2012 – Lejn tmiem Novembru 2012,** l-ECHA ser tniedi l-aħħar verżjoni ta' REACH-IT qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni għall-2013. Din il-verżjoni ser toffri titjib fis-sistema tal-ipproċessar tar-rikjesti.

Il-benefiċċju ewlieni għall-utenti ser ikun il-possibbiltà li jaċċessaw id-dettalji ta' kuntatt tar-reġistranti eżistenti b'mod dirett f'REACH-IT ġaladarba l-ECHA tkun żgurat l-identità tas-sustanza. L-ECHA mhix ser tibqa' tibgħat id-dettalji tal-kuntatt f'għamla stampata. Fl-istess waqt, l-ECHA ser ittejjeb l-għodda plug-in li tivverifika l-kompletezza teknika (TCC) ħalli r-reġistranti potenzjali jkunu jistgħu jivverifikaw id-dossier tar-rikjesti tagħhom u jżidu l-kwalità ġenerali tiegħu qabel jippreżentawh. Dawn iż-żewġ titjibiet mistennija jnaqqsu ż-żmien meħtieġ mill-kumpaniji biex mill-fażi inizjali tal-preparazzjoni ta' rikjesta jkunu lesti jgħaddu għall-fażi finali tar-reġistrazzjoni.

Żommu f'moħħkom li l-verżjoni l-ġdida mhix ser taffettwa r–rekwiżiti ewlenin tal-preparazzjoni u tal-preżentazzjoni tad-dossiers tar-rikjesti.

L-implimentazzjoni tat-titjib fil-ipproċessar tar-rikjesti ser jeħtieġ ġimgħatejn interruzzjoni fis-servizz tal-ipproċessar tad-dossiers tar-rikjesti fl-ECHA. Għad illi l-preżentazzjoni lill-ECHA fuq bażi kontinwa ta' dossiers ta' rikjesti xorta ser tibqa' possibbli, l-ECHA hija tal-parir li r-reġistranti li biħsiebhom jressqu xi dossier fil-ġejjieni għandhom iqisu dan il-perjodu ta' interruzzjoni fl-ippjanar tagħhom tal-attivitajiet ta' REACH.

Fl-aħħar jiem ta' qabel it-tnedija s-sit elettroniku ta' REACH-IT ser ikun aġġornat b'mod regolari b'iżjed dettalji.

## Aktar informazzjoni

- Is-sit elettroniku ta' REACH-IT: https://reach-it.echa.europa.eu/
- Il-paġni elettroniċi tar-rikjesti:
- http://www.echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/substance-registration/inquiry
- http://www.echa.europa.eu/web/guest/support/dossier-submission-tools/reach-it/inquiry

**Gwida dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika għan-nanomaterjali:**
http://echa.europa.eu/web/guest/guidance-documents/guidance-on-information-requirements-and-chemical-safety-assessment

Annankatu 18, P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland | Tel. +358 9 686180 | Fax +358 9 68618210 | echa.europa.eu